# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali*

**2008/2026B(BUD)**

10.9.2008

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009 (C6-0310/2008 – 2008/2026B(BUD))

Taqsima I - Parlament Ewropew

Rapporteur għal opinjoni: Helmuth Markov

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-24 ta' April 2008 bl-isem, "Lejn Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ riformata"[1], tal-4 ta' April 2006 bl-isem, "The assessment of the Doha Round following the WTO Ministerial Conference in Hong Kong"[2], tat-12 ta' Mejju 2005 bl-isem, "The assessment of the Doha Round following the WTO General Council Decision of 1 August 2004"[3], tad-9 ta' Marzu 2005 bl-isem, "The guidelines for Sections II, IV, V, VI, VII, VIII(A) and VIII(B) and on the European Parliament's preliminary draft estimates (Section I) for the 2006 budgetary procedure"[4], tat-22 ta' April 2004 bl-isem, "The estimates of revenue and expenditure of Parliament for the financial year 2005"[5] u tas-26 ta' Frar 2004 bl-isem, "2005 budget procedure: guidelines for sections II, IV, V, VI, VII, VIII(A) and VIII(B) and preliminary draft estimates (Section I) for the 2005 budgetary procedure "[6],

1. Ifakkar li l-parlamentari, bħala rappreżentanti eletti taċ-ċittadini, għandhom irwol importanti fin-negozjati li jirrigwardjaw il-kummerċ, u b'mod partikulari, fin-negozjati tad-WTO;

2. Jenfasizza li l-Parlament u l-Unjoni Interparlamentari, organizzazzjoni internazzjonali bbażata f'Ġinevra, ilhom mill-2002 jorganizzaw u jiffinanzjaw flimkien il-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, mekkaniżmu permanenti ta' sorveljanza parlamentari fuq id-WTO, li l-attivitajiet tiegħu jistgħu jiżdiedu;

3. Jinnota li l-għan ewlieni tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO hu li jtejjeb it-trasparenza esterna tad-WTO u li jiżgura li tkun responsabbli għal-leġiżlaturi bħala r-rappreżentanti eletti mill-poplu; jinnota wkoll li dan huwa forum fejn membri mill-parlamenti tad-dinja kollha jaqsmu l-fehmiet, it-tagħrif u l-esperjenzi tagħhom dwar kwistjonijiet ta' kummerċ internazzjonali u jagħtu dimensjoni parlamentari lid-WTO billi: i) jissorveljaw l-attivitajiet tad-WTO u jippromwovu l-effikaċja u l-lealtà tagħhom, ii) jippromwovu t-trasparenza tal-proċeduri tad-WTO u jtejbu d-djalogu bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili, u iii) jibnu l-kapaċitajiet fil-parlamenti fil-kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ internazzjonali u jeżerċitaw l-influwenza tagħhom fuq id-direzzjoni tad-diskussjonijiet fi ħdan id-WTO;

4. Itenni l-għan iddikjarat tiegħu li n-negozjati tad-WTO jiġu akkumpanjati bi proċess parlamentari; jenfasizza, għalhekk, li fil-ġejjieni se jkun hemm il-ħtieġa kontinwa li tiġi ffinanzjata din l-attività kruċjali; jinnota, f'dan ir-rigward, li fl-2009 se ssir minn tal-anqas Sessjoni Annwali waħda tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, jew fl-istess żmien tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO - jekk tiġi organizzata - jew inkella fi Brussell jew

[1] P6_TA(2008)0180.
[2] ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 155.
[3] ĠU C 92 E, 20.4.2006, p. 397.
[4] ĠU C 320 E, 15.12.2005, p. 156.
[5] ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 1014.
[6] ĠU C 98 E, 23.4.2004, p. 171.

f'Ġinevra u li se jsiru żewġ sessjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Konferenza f'Ġinevra;

5. Huwa ddeterminat, bħala koorganizzatur tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, li jiżgura li jkun hemm biżżejjed approprjazzjonijiet biex ikun hemm parteċipazzjoni adegwata, bl-infrastruttura neċessarja, tad-delegazzjonijiet tiegħu fil-laqgħat kollha u jkun kopert l-ispejjez tal-ivjaġġar u sussistenza tal-ispejjeż ta' sitt rappreżentanti tal-pajjiżi tal-ACP;

6. Jirrimarka li, jekk tiġi organizzata Konferenza Ministerjali tad-WTO fl-2009, il-Parlament għandu jiggarantixxi t-tisħiħ tal-linja baġitarja 3 0 4 4 biex jiġi kopert l-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni, fl-istess ħin, ta' sessjoni tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 0.0.0000 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 26<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Carlos Carnero González, Daniel Caspary, Françoise Castex, Christofer Fjellner, Béla Glattfelder, Ignasi Guardans Cambó, Jacky Hénin, Alain Lipietz, Erika Mann, Helmuth Markov, David Martin, Vural Öger, Georgios Papastamkos, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Corien Wortmann-Kool |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean-Pierre Audy, Albert Deß, Elisa Ferreira, Vasco Graça Moura, Eugenijus Maldeikis, Rovana Plumb, Salvador Domingo Sanz Palacio, Zbigniew Zaleski |
| **Sostitut(i) skont l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali** | |